# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

### Seduta ta' nhar it-Tlieta 18 ta' Gunju, 2002 .

### Citazzjoni numru : 24/2001G1(PC)

Francis u Helen konjugi Camilleri .

VS

Mohammed Hamdan;
Josianne Hamdan .

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew :

Illi f'Dicembru tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (1999) l-atturi sellfu lill-konvenuti s-somma ta' erbat'elef u sebgha u disghin lira maltin (Lm4097 sabiex dawna jixtru l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAU 873 ;

Illi l-konvenuti baqghu ma rritornawx is-somma mislufa lilhom lura lill-atturi u dana minkejja li gew interpellati sabiex jaghmlu dan ;

Illi dan id-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u safejn jafu l-atturi, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda eccezzjoni x'jaghtu ghat-talba kontenuta f'din ic-citazzjoni ;

Illi ghaldaqstant l-atturi qed jipprocedu ghal din il-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili u qed jitolbu ai termini ta' l-Artikolu 167 illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tghaddi ghad-decizjoni ta' din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti :

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' l-Organizzazzjoni u Procedura Civili ;

2. Tiddikjara lill-konvenuti debituri fil-konfront ta' l-atturi fis-somma ta' erbat'elef u sebgha u disghin lira Maltin (Lm4097), oltre' l-imghaxijiet ;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi din is-somma bl-interessi fuq l-istess somma sad-data ta' l-effettiv pagament .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid Kawtelatorju u bl-interessi skond il-Ligi sad-data ta' l-eventwali pagament effettiv .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa intom konvenuti tinsabu msejha .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Helen Camilleri .

Rat l-affidavit ta' l-istess Helen Camilleri .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Konvenut Mohammed Hamdan, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi ma huwiex minnu illi l-konvenut Mohammed Hamdan qatt gie misluf xi flus minn ghand l-atturi . Il-vettura BAU 873, inxtrat mill-flus ta' l-eccepjenti li qala bil-hidma tieghu .

2. Illi ma huwiex minnu illi l-atturi qatt silfu xi flus lil xi hadd mill-konvenuti, din hi biss pretensjoni fiergha, mifthiema bejn l-atturi u l-konvenuta l-ohra li tigi bint l-atturi bi frodi ghall-konvenut Mohammed Hamdan, peress illi llum l-konvenut jghix separat minn ma bint l-atturi .

3. Illi jekk sar xi self lill-konvenuta Josianne Hamdan, l-eccipjenti qatt ma kien jaf b'dan u qatt ma gie, mgharraf b'dan wisq anqas ta l-kunsens tieghu sabiex jaccetta dan is-self .

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost kemm-il darba huwa minnu illi sar xi self simili dan huwa null ghaliex ma huwiex konformi ma' l-artikolu 1322 tal-Kap. 16 .

5. Illi dak id-debitu pretiz ma huwiex wiehed li jinkombi fuq il-komunjoni tal-akkwisti ai termini ta' l-artikolu 1327 tal-Kap. 16 .

6. Illi fi kwalunkwe kaz, peress illi dak id-debitu sar ad insaputa tal-konvenut eccepjenti, dak id-debitu jinkombi esklussivament fuq il-parti li kkontrattatu ai termini ta' l-artikolu 1326 tal-Kap . 16 .

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut Mohammed Hamdan debitament ikkonfermata minnu bil-gurament .

Innutat illi l-konvenuta l-ohra debitament notifikata ghazlet li tibqa' kontumaci .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza .

Innutat illi din il-kawza kienet differita ghal-lum ghas-subizzjoni tal-konvenut Mohammed Hamdan . L-istess konvenut imsejjah tlett darbiet naqas li jattendi ghas-smiegh ta' din il-kawza, appuntata ghal-lum .

Il-Qorti ghal hekk, wara illi fethet il-kapitoli, u qrat l-istess kapitoli, tiddikjara dawna l-kapitoli ammessi minn l-istess konvenut skond il-ligi .

Il-Qorti ghal hekk, in vista ta' din l-ammissjoni tiddecidi l-kawza billi tiddikjara lill-konvenut Mohammed Hamdan, debitur fil-konfront ta' l-atturi, fis-somma indikata fic-citazzjoni, cioe' is-somma ta' erbat'elef sebgha u disghin lira (Lm4097), oltre l-imghaxijiet mid-data tax-xiri tal-karrozza msemmija, fic-citazzjoni sad-data tal-pagament effettiv .

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju kontra l-istess konvenut .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .

(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur
S2401G1(Pc)
627